MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 192/2007

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Michael Stivala**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta` Frar, tas-sena 2007 in forza ta` liema gie mitlub li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm359.90c, rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut minnu in konnessjoni ma` client contract number 12181 ghar-rigward ta` servizzi rezi ghax-xhur ta` bejn April u Settembru tas-sena 2006, bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 25 ta` Jannar, 2007 u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-att u kif ukoll l-ispejjez in konnessjoni ma` ittri ufficcjali ppezentati fuq il-banek u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Gie notat illi l-konvenut baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` P.L. Peter Paul Sammut illi kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat ukoll illi l-konvenut baqa` ma ressaq ebda provi fis-seduta tas-6 ta` Marzu, 2008 biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallasha s-somma ta` €838.34c (Euros) gia` Lm359.90c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-ittra ufficcjali tal-25 ta` Jannar, 2007 u bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------